MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. REFALO JOSEPH S.

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 1238/2001/1

**Domestica Limited**

**vs**

**Il-Korporazzjoni Enemalta**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 t'Ottubru, 2001 fejn intalab il-hlas ta' mitejn lira Maltija (Lm200.00), illi l-istess Korporazzjoni sfurzat, bil-monopolju li hi tgawdi, lis-socjeta` Domestica Ltd thallasha sabiex terga' tipprovdilha d-dawl fil-fabbrika taghha go H'Attard wara li l-istess Korporazzjoni kienet interrompiet l-istess provvista ta' elettriku b'mod abusive u illegali u minghajr raguni valida;**
**Bl-ispejjez u bl-imghax legali mill-20 ta' Lulju, 1999.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fl-20 ta' Novembru, 2001, fejn intqal illi l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**

**Illi b'nota prezentata fit-18 ta' Dicembru, 2001, il-Korporazzjoni konvenuta iddikjarat illi hija qatt ma sfurzat bil-monopolju li hi tgawdi lis-socjeta` attrici thallas is-somma ta' mitejn lira Maltija (Lm200.00) sabiex terga tipprovdi d-dawl fil-fabbrika tas-socjeta` attrici go H'Attard, tant illi mill-istess "records" li ghandha l-Korporazzjoni hija qatt ma rceviet is-somma ta' mitejn lira Maltija (Lm200.00) ghall-finijiet indikati fl-avviz tat-talba.**

**Semgha x-xhieda ta' Leo Vassallo Cesareo, Silvio Decelis, Perit Michael Falzon, 1William Cassar Torreggiani, Mario Cassar, David Camilleri. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha t-trattazzjoni tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Din il-kawza qed issir sabiex jigi rifuz lis-socjeta` attrici mill-Korporazzjoni konvenuta l-ammont ta' mitejn lira Maltija (Lm200.00), li thallsu mill-istess socjeta` sabiex ma tigix maqtugha l-provvista ta' l-elettriku. Il-Korporazzjoni konvenuta qed tghid li meta sar il-pagament tal-mitejn lira mis-socjeta` attrici, tali pagament ma sarx ghall-finijiet indikati fl-avviz tat-talba.**

**2. Jibda biex jigi rilevat li ma hemmx dubbju li l-hlas ta' mitejn lira Maltija li s-socjeta` attrici ghamlet lill-Korporazzjoni konvenuta kien sar taht protesta, u dana kif jirrizulta: mill-ittra mibghuta mill-Avukat ta' l-istess socjeta` attrici, Dok.AI1 datata 20 ta' Lulju, 1999, li maghha gie anness c-cekk li jgib l-istess data, kopja ta' liema hi esibita bhala Dok.AL; kif ukoll mid-deposizzjoni ta' Silvio Decelis ghall-Korporazzjoni Enemalta.**

**3. Ghall dan il-hlas il-Korporazzjoni baghtet lir-ricevuta, kopja ta' liema hi esibita bhala Dok.SD, datata wkoll 20 ta' Lulju, 1999.**

**4. Fl-inspection li saret fil-jum imsemmi ta' l-20 ta' Lulju, 1999, skond ir-"report of inspection" Dok.SD2, hemm imnizzel taht "remarks" li:**
**"Maximum Demand seal (red) was found tampered with; Blue seal on cubicle box was found tampered with."**
**5. L-Artikolu 54 tar-Regolamenti ta' l-Enemalta jipprovdi li:**
**"Meters shall be sealed by Enemalta and the Consumer shall be held responsible should the seals be found broken or tampered with at any time."**
**Filwaqt li l-Artikolu 10 tar-Raba' Skeda referibbli ghall-Artikolu 37 tar-regolamenti fejn jitkellem dwar "maximum Demand" jipprovdi li:**
**"Where the seal of a maximum demand indicator is found broken or tampered with the indicator shall be conclusively deemed to have registered the highest demand in KW which it is capable of registering."**
**L-Artikolu 8 ta' l-istess jipprovdi li:**
**"Before current is supplied to the account of any consumer, or at any time thereafter, the Chairman may require such consumer to deposit at the office an amount to be fixed by the Chairman, as a surety for the regular payment of all the amounts that may become due to Enemalta in connection with the supply of electricity to the account of such consumer."**
**6. Fil-kaz in ezami l-Espert imqabbad mil-Qorti, William Cassar Torreggiani xehed li l-meter in kwistjoni kellu sigilli maqtugha jew neqsin. Pero` qal li fil-meter ma sabx tbaghbis. Qal:**
**"Ghalija d-differenza bejn sigil maqtugh u wiehed imbaghbas hu li s-sigill jista' jinqatgha wahdu…..minhabba l-elementi, filwaqt li mbaghbas jigi sfurzat."**
**7. Il-ligi qed titkellem definittivament fuq tbaghbis ta' meter u mhux fuq semplici qtugh ta' sigil, li ma jimplikax tbaghbis.**
**8. Inoltre fir-rapport tieghu l-espert innota li:**
**"Spezzjonaw il-meter li kien ta' l-ghamla Landis and Gyr three phase 3x200 Amps serial number 33820629.**

**Is-sigill tan-naha ta' fuq ix-xellug kien maqtugh waqt li l-ohrajn kienu intatti.**
**Is-service box kienet sigillata intatta. Il-cubicle kellha s-sigill tan-naha ta' fuq intatt….waqt li tan-naha ta' that….kellu l-fil maqlugh minn post.**
**Is-sigill ahmar tal-maximum demand kien intatt.**
**Is-sigill tal-cover tal-meter u tat-terminal kienu intatti;**
**Illi s-sigill blue tal-cubicle tan-naha ta' fuq kien intatt waqt li s-sigill, il-fil tas-sigill, kien maqlugh minn postu."**

**9. L-istess espert innota li ma kienet saret ebda hsara lill-Korporazzjoni Enemalta fuq l-apparat imsemmi. Rilevanti dak li xehed l-istess espert li hu sab li l-meter kien jirregistra l-konsum u li s-sigilli kienu kollha infatti li jfisser li ma setghax isir tbaghbis fil-meter.**

**10. Ghalhekk ma kienx hemm raguni valida l-ghala l-Korporazzjoni konvenuta kellha izzom il-flus imsemija lis-socjeta` attrici, u konsegwentement din ghandha tirrifondi l-ammont imsemmi.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal isib gustifikat l-ilment tas-socjeta` attrici, jilqa' t-talba taghha, u jikkundanna lill-Korporazzjoni konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn lira Maltija (Lm200.00) bl-imghax legali mill-20 ta' Lulju, 1999.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-perit legali, ghandhom jigu sopportati nterament mill-Korporazzjoni konvenuta.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**